MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2007

Appell Kriminali Numru. 188/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Claude Busuttil**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Claude Busuttil talli fil-kwalita` tieghu ta' segretarju ezekuttiv ghall-Fondazzjoni tal-Konkatidral ta' San Gwann b'indirizz registrat Konkatidral ta' San Gwann, Valletta u/jew bhala l-persuna li kien inkarigat mill-istess Fondazzjoni sabiex ihallas il-pagi dovuti, naqas li jhallas il-pagi kollha sal-31 ta' Awissu 2005 fl-ammont ta' Lm316.94 dovuti lill-impjegat tal-Fondazzjoni fuq msemmija Charles Mattocks u dan kif kien obbligat li jaghmel skond il-ligi.

Il-Qorti giet mitluba li tordna lill-imsemmi Claude Busuttil ihallas lill-persuna fuq indkata l-ammont imsmemi ghar-ragunijiet fuq specifikati;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta' Mejju 2006 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Claude Busuttil hati ta' l-imputazzjoni dedotta u minnha lliberatu;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fis-26 ta' Mejju 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, issib htija u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xiehda;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant huwa fis-sens illi l-ewwel Qorti ma tatx importanza fl-apprezzament tal-provi ghall-fatt li jekk, ghall-grazzja ta' l-argument, l-appellat seta' jnizzel lill-impjegat tieghu fil-grad, hu qatt ma seta' jnaqqas is-salarju ta' l-impjegat tieghu minghajr il-kunsens tad-Direttur tar-Relazzjonijiet Industrijali kif stipulat fl-Att dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452).

Dan l-aggravju jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi u, kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx

ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

Din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi u jirrizultalha s-segwenti:

Charles Mattocks kien gie impjegat mal-Fondazzjoni tal-Konkatidral ta' San Gwann bhala *part-time casual custodian* skond ittra datata 4 ta' Ottubru 2002 u l-kundizzjonijiet tax-xoghol fid-dokumenti annessi ma' l-istess ittra (a fol. 4 sa 6 tal-process) u b'rata ta' hlas ta' Lm1.75 fis-siegha. F'xi zmien jidher illi huwa nghata l-kariga ta' *supervisor* meta allura r-rata ta' hlas telghet ghal Lm3 fis-siegha. B'ittra datata l-1 ta' April 2005 gie nfurmat mill-appellat illi wara konsiderazzjoni ta' rapport li gie sottomess mis-Segretarja tal-Fondazzjoni, Valentina Saliba, u rapport ta' l-istess Charles Mattocks, gie deciz li huwa ma jibqax jaghmel ix-xoghol ta' *supervisor* izda ta' *part-time casual custodian* bhal ma kien originarjament. L-imsemmi Charles Mattocks oggezzjona ghal dan u avvicina d-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u ta' l-Impjiegi.

**George Camilleri**, spettur tax-xoghol fid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u ta' l-Impjiegi, xehed li kien tkellem ma' Charles Mattocks fis-27 ta' Lulju 2005 li qallu li kien jahdem bhala *part-time supervisor* fil-Konkatidral ta' San Gwann u li fl-1 ta' April 2005 l-appellat kien nehhielu

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

d-doveri bhala *supervisor* li ghalihom kien jithallas Lm3 fis-siegha u beda jhallsu bir-rata ta' Lm1.75 is-siegha, u dan minghajr il-kunsens tieghu. Charles Mattocks ma kienx qed jaccetta dawn il-pagamenti u sar *claim* ghall-ammont shih bir-rata ta' Lm3 fis-siegha. L-ammont pretiz f'dawn il-proceduri huwa ta' Lm316.94 li d-difiza ddikjarat ma kinitx qed tikkontesta bhala ammont. Ix-xhud qal li kien tkellem ukoll ma' l-appellat fit-23 ta' Awissu 2005 li qallu li l-kwistjoni kienet inqalghet fuq punt ta' dixxiplina u li l-appellat kien iddecieda li jnaqqaslu r-rata u d-doveri tieghu. Ix-xhud qal li ma qablux ma' dan ghax kien sar tnaqqis kontra dak miftiehem bhala l-kundizzjonijiet tax-xoghol ta' Charles Mattocks. Jekk sarx smiegh minn xi bord indipendenti dwar din il-kwistjoni ma setax jghid. Id-Dipartiment ma tax permess lill-Kon-Katidral biex isir it-tnaqqis fil-paga.

**Charles Mattocks** xehed li kien ilu tliet snin bhala *supervisor* mal-Konkatidral meta bdew jinqalghu xi problemi min-naha tas-Segretarja li bdiet tattakka mieghu. Wara xi zmien ghamel rapport lill-appellat dwar is-sitwazzjoni li kien jinsab fiha u ghamel xi suggerimenti dwar kif setghu jitjiebu l-affarijiet fil-*computer area*. Qal li huwa kien jahdem b'sens ta' responsabbilta` u dixxiplina u lil xi hadd ma ghogbitux id-dixxiplina. Meta l-hrug tal-biljetti gie komputerizzat, darba minnhom sar zball u meta rega' missu *duty*, sejjahlu l-appellat li qallu li kien hemm rapport kontra tieghu u ma setax ihallih fuq il-*computer* u kellu jerga' jmur *custodian*. Skond ix-xhud, wiegeb lill-appellat *"fair enough"* u talbu kopja tar-rapport li sarlu biex jista' jikkontestah u biex jaghmillu bil-miktub dak li kien qed jghidlu halli jmur il-Labour Office. L-appellat wiegeb li mhu se jtih xejn. Mar il-Labour Office fejn gie mgharraf li ma setax jinghata *demotion* minghajr *warning* u minghajr ma jigi processat u jkollu cans jiddefendi ruhu. Qal li kienet saret laqgha bejn l-Avukati tal-Konkatidral, tal-Labour Office u tal-Union u waslu fil-konkluzjoni li jigi *re-instated* bil-kundizzjoni li ma jibqax jitlob id-differenza li qed jippretendi li ghandu jinghata bejn *supervisor* u *custodian*. Il-Union ma accettatx peress li ma kienx tort tieghu u huwa rrifjuta li jerga' jmur lura bhala *supervisor* u baqa' jahdem bhala *custodian*. In kontro-ezami kkonferma li

tkellem ma’ l-appellat qabel ma tah id-*demotion* fl-okkazjoni meta talbu jtieh kollox bil-miktub. Qal li qatt ma nghata cans jerga’ jqajjem din il-kwistjoni biex jipprova jirrangaha ghalkemm kien tkellem ma’ Mons. Philip Calleja. Mistoqsi jekk inghatax l-opportunita` li din il-kwistjoni tigi diskussa quddiem bord bhala forma ta’ appell meta kien hemm proceduri dixxiplinari ohra li kien involut fihom, ix-xhud wiegeb illi l-parir ta’ l-Avukat tieghu kien li l-kwistjonijiet kienu differenti u ma kinux sejrin jiddiskutu ghax hemm kaz il-Qorti.

**Karmenu Vella** xehed illi kien segretarju tat-Taqsima Servizzi u Medja li Charles Mattocks huwa membru taghha u kien ghamel rapprezentazzjonijiet f’ismu meta l-Fondazzjoni tal-Konkatidral ta’ San Gwann kienet qabdet u ghamlitlu *demotion* minghajr ma kien hemm process. Huwa kiteb u pprotesta fuq il-mod kif kien gie trattat u talab li jigi *re-instated* u jiehu d-differenza tas-salarju. Il-Fondazzjoni ma accettatx it-talba u nbdew il-proceduri odjerni. In kontro-ezami qal li waqt tahditiet, kienet saret offerta mill-Fondazzjoni li Charles Mattocks jigi *re-instated* minghajr kumpens ghall-flus li kien tilef. Pero` dan il-ftehim inbidel. Tribunal Industrijali ma marrux. Minn meta ha d-*demotion* Charles Mattocks ghamel xoghol ta’ grad inqas (dak ta’ kustodju). Ix-xhud qal li *demotion* wara proceduri dixxiplinari jista’ jsir imma l-problema f’dan il-kaz kien li Charles Mattocks qatt ma deher quddiem bord biex jinghata cans jiddefendi ruhu. Hin minnhom il-Fondazzjoni qalet li seta’ jappella quddiem Bord izda billi ma kienx hemm process u sentenza ta’ *demotion* ma setax jappella.

**L-appellat** xehed illi huwa segretarju ezekuttiv tal-Fondazzjoni li hija responsabbli mill-*management* u mill-impjegati tal-Konkatidral. Hemm Kunsill tal-Fondazzjoni li huwa jirreferi ghalih u d-decizjonijiet jittiehdu mill-Kunsill. Qal li meta l-Fondazzjoni dahhlet sistema komputerizzata biex kemm jista’ jkun inaqqsu xi abbuz, organizzat *training* u lil Charles Mattocks appellalu kemm-il darba biex itihom il-granet meta jkun jista’ jattendi. Dan dejjem qal li ma setax imbaghad fl-ahhar meta haddiehor kien ha sieghat ta’ *training*, Charles Mattocks mar biss ghal saghtejn. Huwa ndikalu d-dizappunt tieghu ghax is-sistema ma

kinitx daqshekk facli. Imbaghad gara li nqalghet problema rizultat ta' nuqqas ta' konfidenza fuq il-computer u harget differenza ta' somma ta' xi Lm3,000. Is-segretarja Valentina Saliba ghamlet rapport u huwa baghat ghal Charles Mattocks u kellmu fuqha u talbu rapport biex jispjega l-pozizzjoni tieghu. Kitiblu rapport, rega' ddiskuta mas-segretarja tieghu, tatu rapport izjed dettaljat, iddiskuta mal-President li dak iz-zmien kien Mons. Philip Calleja u li kien baghat ukoll ghas-segretarja, u gie deciz li Charles Mattocks jigi *demoted* ghall-grad li kellu qabel. Il-President kien talab u ottjena l-approvazzjoni tal-Kunsill. In kontro-ezami qal li ma kellimx lid-Direttur tar-Relazzjonijiet Industrijali u Impjiegi biex inaqqas il-paga effettiva ta' Charles Mattocks.

Issa, skond l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta) huwa projbit li jsir tnaqqis mill-paga ta' impjegat skond kif provdut fl-artikolu 15 ta' dak l-Att li l-ewwel subartikolu tieghu jipprovdi testwalment hekk:

**"(1) Hlief meta jkun espressament permess mid-disposizzjonjiet ta' dan l-Att jew mehtieg b'xi ligi ohra, jew meta ordnat minn jew bis-sahha ta' ordni ta' qorti kompetenti, jew permess fi ftehim li jkun sar bejn principal jew principali jew ghaqda ta' principali min-naha l-wahda u *trade union* jew *trade unions* li jirrapprezentaw l-impjegati interessati min-naha l-ohra, principal ma ghandu jaghmel ebda tnaqqis u lanqas jaghmel kuntratt ma' impjegat li jawtorizza li jsir xi tnaqqis mill-paga li ghandha tithallas mill-principal lill-impjegat."**

Naturalment dan huwa hekk meta l-impjieg jibqa' l-istess wiehed u mhux jinbidel. F'dan il-kaz, Charles Mattocks (minn hawn 'il quddiem imsejjah "il-kwerelant"), li kien impjegat bhala *part-time casual custodian* u li ghal xi zmien inghata x-xoghol ta' *supervisor* – *part-time* ukoll – gie *demoted* ghall-pozizzjoni originali tieghu minhabba nuqqasijiet da parti tal-kwerelant li gew spjegati mill-appellat u dan, wara li l-kwerelant inghata l-opportunita` li jaghti l-ispjegazzjonijiet li dehrlu li kellu jaghmel f'rapport

bil-miktub. Ovvjament mhuwiex il-kompitu ta’ din il-Qorti sabiex tiddetermina jekk id-*demotion* kenitx gustifikata jew le – ghal dak hemm forum differenti. Barra minn hekk b’ittra datata 29 ta’ Lulju 2005 il-kwerelant gie nfurmat li kien twaqqaf bord *ad hoc* sabiex jikkunsidra l-appell tieghu mid-decizjoni li kienet ittiehdet kif ukoll sabiex jikkunsidra zewg akkuzi godda kontra tieghu. Bi twegiba tal-konsulent legali tieghu tal-Union datata 9 ta’ Awissu 2005, il-Fondazzjoni giet nfurmata illi kien hemm proceduri kriminali pendenti u illi ma setax jiftiehem kif seta’ jinstema’ appell meta ma kien sar l-ebda appell!

Mill-1 ta’ April 2005 il-kwerelant baqa’ jahdem mal-Fondazzjoni u jaghmel ix-xoghol ta’ *part-time casual custodian* u l-Fondazzjoni baqghet thallsu tax-xoghol li huwa kien qieghed jaghmel f’dak il-grad. Il-kwerelant pero` jippretendi li jithallas bir-rata li kien qieghed jithallas bhala *supervisor*. Fil-fehma ta’ din il-Qorti tali pretensjoni mhijiex gustifikata.

Bid-decizjoni li ttiehdet mill-Fondazzjoni, il-kwerelant inghata impjieg differenti minn dak li kellu qabel l-1 ta’ April 2005 (ghalkemm fl-istess pozizzjoni li kien originarjament beda fiha), u dan gie rifless fil-paga tieghu. Hawn non si trattava ta’ tnaqqis kif espressament vjetat bil-ligi imma ghoti ta’ paga ohra abbinata ma’ l-impjieg alternattiv. Il-kwerelant fil-fatt baqa’ jahdem f’dak l-impjieg alternattiv. Ghalhekk l-artikolu 15 tal-Kap. 452 mhuwiex applikabbli ghall-kaz in dizamina. Paga ghandha tikkorrispondi max-xoghol u d-dmirijiet ta’ l-impjieg partikolari u jekk dawn jinbidlu anke l-paga ghandha tinbidel. Anke r-rapprezentant tal-Union irrikonoxxa certu *jus variandi* lil min ihaddem, ghalkemm ilmenta li f’dan il-kaz il-kwerelant ma nghatax l-opportunita` li jiddefendi ruhu – izda kif rajna tali opportunita` nghatat lilu. U wara kollox, skond il-kundizzjonjiet ta’ impjieg li tahthom gie impjegat il-kwerelant, id-disa’ kundizzjoni tghid li: *“Custodians will be paid extra for any services carried in excess of their normal duties”*. Meta l-kwerelant kien qieghed jippresta servizz bhala *supervisor* thallas t’hekk u meta kien qieghed jippresta servizz bhala *part-time casual*

*custodian* thallas ta' dak ix-xoghol. Konsegwentement l-appell ma jimmeritax li jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------